

Brussell, 26 ta' April 2023
(OR. en)

8559/23

FIN 456
INST 129
PE-L 16

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	8219/23
Suġġett:	Trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 07/2023 fit-Taqsima III – Kummissjoni – tal-baġit ġenerali għall-2023 – <i>Approvazzjoni</i> – <i>Approvazzjoni ta' ittra</i>

1. Fit-13 ta' April 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 07/2023¹, f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament Finanzjarju².
2. L-għan ta' dan it-trasferiment huwa li jiġi ttrasferit ammont totali ta' EUR 108 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament mill-Artikolu 01 03 01 (*Riċerka u żvilupp tal-fużjoni*) u l-Partiti 01 02 99 01 (*Tlestija ta' programmi ta' riċerka preċedenti (qabel l-2021)*) u 01 03 99 01 (*Tlestija ta' programmi preċedenti ta' riċerka tal-Euratom (qabel l-2021)*) għall-Artikolu 13 04 01 (*Mobbiltà militari*), kif irreġistrat fid-dokument 8219/23.

¹ Dok. 8219/23.

² Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

3. It-trasferiment għandu l-għan li jsaħħaħ il-fergħa tal-Mobbiltà Militari tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) b'EUR 108 miljun f'appropriazzjonijiet ta' pagament. Wara l-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni Russa fl-Ukrajna, il-Kummissjoni aċċellerat l-implimentazzjoni tal-Mobbiltà Militari tal-FNE, li twassal għal żieda fil-ħtiġijiet ta' prefinanzjament fl-2023.
4. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-proposta għal trasferiment fil-laqgħa tiegħu tat-18 ta' April 2023.
5. Wara dak l-eżami, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill biex japprova:
 - il-proposta għat-trasferiment tal-appropriazzjonijiet, kif tinsab fid-dokument 8219/23; u
 - l-abbozz ta' ittra fl-ANNESS għal dak l-għan.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn: il-President tal-Kunsill

lil: Il-President tal-Parlament Ewropew

kopja: Il-President tal-Kummissjoni

Sinjura President,

F'konformità mal-Artikolu 31(6) tar-Regolament Finanzjarju tat-18 ta' Lulju 2018¹, ninfurmak li l-Kunsill approva t-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 07/2023 fit-Taqsima III – Kummissjoni – tal-baġit ġenerali għall-2023.

(Formola tal-għeluq)

¹ Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).